MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**CASSAR JOSEPH LL.D.**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2002

Numru 518/2002

MAGISTRAT:
DR.JOSEPH CASSAR BA., LL.D

**Il-Pulizija**
(Spettur Bernard Zarb)
**Vs**
**Alfred Xuereb**

Illum 30 ta` Settembru 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Xuereb ta` 23 sena bin Carmelo u Marthese nee Grech, mwieled San Giljan, fis- 7 ta` Jannar 1979, residenti "Yvonne House",

Triq il-Knisja, San Giljan, Paceville u detentur tal-karta ta` l-Identita numru 138379M.

Talli fil-31 ta` Mejju 2002 u fil-gimghat precedenti, fil-Belt Valletta u bnadi ohra f`dawn il-gzejjer, ghamilt uzu xjentement, ta` marki, sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieght merkanzija b`din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhalt deskrizzjoni kummercjali falza, jew bieght, zammejt jew importajt ghal hsieb ta` kummerc, merkanzija b`marka, sinjal, jew emblema imxebbha, bi ksur ta` l-artiklu 298(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Talli bi qliegh, jew bi skop ta` kummerc, bieght, qassamt, jew mod iehor offrejt ghall-biegh jew biex jitqassmu, xi artikoli jew hwejjeg, u cioe Video Cassettes bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta` awtur ta` persuna ohra u protetti bil-ligi ta` Malta jew tahtha, bi ksur ta` l-artiklu 298B tal-Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Talli bi qliegh jew bi skop ta` kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt jew mod iehor ipproducejt jew ikkopjajt, jew bieghtu jew qassamtu jew mod iehor offrejt ghal biegh jew jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b`licenzja, jew bhala parti minn attivita koperta b`tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet ta` l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew that il-Ligi ta` Malta. Dan il-ksur ta` l-Avviz Legali 120 tal-1992.

Rat in-nota ta` L-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati

Rat l-Artiklu 298(1) tal-kap 9 u l-Avviz Legali 120 tal-1992.

Tikkundanna lill-akkuzat tmenin lira Maltija (Lm 80)

Vera Kopja.

Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Mario Mifsud
Dep Reg.